## LILL-GHANNEJJA TAL-WIED

*Lil Prof. Ġ. Aquilina.*

*Ta'* Wallace Gulia

Għanni, ja Tfajla, qalb il-blat u x-xgħari
    L-għanjiet ta' qalbek!
U lill-Imħabba, li ġol-wied tiġġerra,
    Semmagħha talbek!
Hekk kif jien rajtek safja qalb il-merħla
    B'ħaddejk samrana,
Hielsa mir-rażna ta' kulħadd, u waħdek
    Tidħak ferħana,
Stagħġibt kif sirna lsiera ta' ħaddieħor:
    Stmerrejna 'l tagħna:
Aħna li nistħu mill-għanjiet Maltija,
    Li twieldu magħna.
Għax m'hux l-imsieraħ fejn l-imħuħ battala
    Iqasqsu 'l-frugħa:
Lanqas is-swali fejn id-dawl ilellex
    Fuq wiċċ il-bluha;
M'huma t-turija ta' din l-art Maltija
    Fit-tul tas-snin,
U l-wirt li taw missirijietna f'mewthom
    Lilna kburin.
Dawk bħalhom għandu kull barrani mleflef
    F'bews il-bellus!
Dawk bħalhom jixtri, w isbaħ minnhom jagħmel,
    Bit-tgħam tal-flus!
Iżda dik l-għanja li ġol-wied isserrep
    Kemm kemm mistħija,
Minn *Babu*, għal ġo *Qirda*, w għal ġo *Għasel*,
    Fis-sliem merħija,
Dik hija tagħna daqs ir-riħ u x-xita,
    U x-xemx u l-qamar,
U x-xtut tar-ramel għal ġon-nir mitluqa
    Fid-dell tat-tamar!
Leħnek, ja Tfajla, la ssikketx, li jidwi
    B'kisra ħanina:
Għax int maħtura mill-Mulej biex tibqa'
    Ta' ġensna ż-żina!